MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 104/2009

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Joseph u Mary Doris Baldacchino**
**(I.D. 330251M u 15450M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tnejn u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€3632.65) rapprezentanti ammont mill-konvenuti dovut in konnessoni ma’ diversi servizzi telefonici bin-numru 21240173 u 239772 (AC 10054324) skond kif jirrizulta mill-annessi Dok A u kopja ta’ diversi ftehim annessi u mmarkati Dok B, C u D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti u markati Dok A, Dok B, Dok C u Dok D.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduti tas-6 ta' Mejju 2009, tat-28 ta' Settembru 2009 kif ukoll tallum stess.

Ikkunsidrat

Illi, avolja hemm dak verbalizzat waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, il-konvenuti, sallum, ghadhom ma ippresentawx ir-risposta taghhom bil-miktub, kontenenti l-eccezzjonijiet taghhom (ara ukoll il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Settembru 2009 kif ukoll ta' dak mizmuma illum stess).

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici fis-seduta tallum stess, ipproduciet lil Dottor Ingrid Zammit Young li kkonfermat, taht gurament il-kontenut tar-rikors promuter kif ukoll li l-ammont mitlub fl-istess rikors ghadu, kollu kemm hu, dovut mill-konvenuti sallum stess.

Ili ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mir-rikors in esami u tikkudanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' €3632.65 bl-imghax legali mil-17 ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------